MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2009

Appell Civili Numru. 1431/2001/1

**Michelle Shires u Tristam Shires kif ukoll Maria Concetta sive Mari Shires**

**v.**

**Giovanna Bonello, Vincent u Antoinette konjugi Bonello u Joseph Bonello, u b'digriet tat-13 ta' Awissu 2002, stante l-mewt tal-konvenuta Giovanna Bonello, l-atti gew trasfuzi f'isem iz-zewg werrieta Joseph Bonello u Vincent Bonello, u b'digriet tat-18 ta' Dicembru 2002 l-Avukat Dr. Anthony Cutajar u l-P.L. Hilda Ellul Mercer gew nominati kuraturi deputati ghal Maria Concetta sive Mari Shires bhala eredi ukoll ta' l-istess Giovanna Bonello**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

1. Din is-sentenza tittratta dwar: (a) appell incidentali pprezentat *fuori termine* u (b) is-sitwazzjoni fejn parti mill-assi ereditarji jigu trasferiti mill-eredi qabel ma tigi likwidata u mhallsa l-legittima spettanti lill-legittimarju. Il-fatti li taw lok ghall-kaz in ezami huma s-segwenti:

- L-attrici Maria Concetta sive Mari Shires hija bint il-konvenuta Giovanna Bonello, illum mejta, u oht il-konvenuti Joseph u Vincent ahwa Bonello. L-atturi Michelle u Tristam ahwa Shires huma wlied l-attrici Maria Concetta sive Mari Shires;

- Missier l-attrici Maria Concetta sive Mari Shires u l-konvenuti ahwa Bonello miet fil-15 ta' Lulju 1984 u l-wirt tieghu kien regolat permezz ta' testment datat 6 ta' Mejju 1983 fl-atti tan-Nutar Dottor Angelo Vella. B'dak it-testment Edgar Bonello, filwaqt li nnomina bhala eredi tieghu lill-konvenuti Joseph u Vincent ahwa Bonello u halla legat favur martu Giovanna Bonello ta l-uzufrutt ta' l-assi ereditarji tieghu, iddizeredita lill-attrici Maria Concetta sive Mari Shires;

- Permezz ta' Att ta' Citazzjoni fl-ismijiet "Maria Concetta Shires proprio et nomine v. Vincent Bonello et" Citazzjoni Numru 771/86 ipprezentat quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, l-atturi odjerni talbu li r-ragunijiet migjuba mit-testatur Edgar Bonello ghad-dizeredazzjoni ta' Maria Concetta sive Mari Shires jigu dikjarati li huma nulli u bla effett u, subordinatament, illi kemm-il darba kellu jigi dikjarat li Maria Concetta sive Mari Shires ma ghandhiex dritt ghal-legittima, xorta ghandhom dritt ghaliha wliedha Michelle u Tristam Shires a tenur ta' l-Artikolu 626 tal-Kodici Civili;

- L-atturi talbu, u permezz ta' Digriet datat 16 ta' Dicembru 1986 ottjenew, il-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni

bin-Numru 1286/86 fl-ismijiet "Maria Concetta Shires proprio et nomine v. Vincent Bonello et" in forza ta' liema Giovanna Bonello u Joseph u Vincent ahwa Bonello gew inibiti milli jittrasferixxu jew b'xi mod jiddisponu mill-gid ta' Edgar Bonello, b'dana li jibqghu eskluzi mill-effetti tal-Mandat l-oggetti kollha manifatturati, xoghol u krediti li ghandhom x'jaqsmu ma' l-azjenda ta' Edgar Bonello maghrufa bhala "J.V. Bonello Jewellers" ta' 216, Old Bakery Street, Valletta;

- Minkejja l-Mandat ta' Inibizzjoni, bis-sahha ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Brincat datat 8 ta' Lulju 1999 Giovanna Bonello u Joseph Bonello bieghu lill-konvenuti Vincent u Antoinette konjugi Bonello kwantu ghal Giovanna Bonello ghan-nofs indiviz u l-usufrutt tan-nofs indiviz l-iehor u kwantu ghal Joseph Bonello ghall-kwart indiviz in nuda proprjetà tal-garage jimsu "Lourdes" bla numru f'Carmel Street, Birkirkara, kif soggett ghac-cens annwu u perpetwu ta' tlett Liri (Lm3) Maltin, versu l-prezz ta' Lm2,000 favur Giovanna Bonello u ta' Lm1,000 favur Joseph Bonello **u** bis-sahha ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Brincat datat 22 ta' Frar 2001 Giovanna Bonello ittrasferiet b'titolu ta' donazzjoni a favur Joseph Bonello n-nofs indiviz in piena proprjetà bl-uzufrutt tan-nofs l-iehor tal-Flat 2, Nru.23 Abate Rigord Street, Msida, u a favur Vincent Bonello n-nofs inidiviz in piena proprjetà u l-uzufrutt tan-nofs indiviz l-iehor tad-dar Nru.61 jisimha "Mari" Islets Promenade, Bugibba, San Pawl il-Bahar, u favur Joseph Bonello u Vincent Bonello flimkien in-nofs indiviz in piena proprjetà u l-uzufrutt tan-nofs indiviz l-iehor tal-hanut Nru.36, Naxxar Road, Birkirkara. Giovanna Bonello, inoltre, ezonerat lil Joseph u Vincent ahwa Bonello mill-obbligu tal-kollazzjoni ta' l-immobbli lilhom trasferiti b'titolu ta' donazzjoni in forza ta' l-imsemmi kuntratt;

- L-atturi jippretendu li l-kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Brincat datati rispettivament 8 ta' Lulju 1999 u 22 ta' Frar 2001 huma nulli u bla effett fil-ligi sia minhabba l-Mandat ta' Inibizzjoni bin-Numru 1286/86 kif ukoll fid-dawl tal-fatt li l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn Giovanna Bonello u zewgha Edgar Bonello kif ukoll l-

eredità ta' l-istess Edgar Bonello ma gewx likwidati u lanqas ma saret divizjoni ta' l-istess, u li huma jew min minnhom, bhala legittimarji ta' Edgar Bonello, ghandhom dritt skond il-ligi li jippercepixxu mill-assi ereditarji tieghu *in natura*;

- Il-pretensjoni ta' l-atturi giet ikkontestata mill-konvenuti u ghalhekk l-istess atturi kienu kostretti jistitwixxu l-proceduri odjerni fil-konfront ta' Giovanna Bonello, illum mejta, u ta' Joseph Bonello u Vincent u Antoinette konjugi Bonello.

**Talbiet u Eccezzjonijiet**

2. Permezz ta' Att ta' Citazzjoni pprezentat fid-9 ta' Awissu 2001 l-atturi talbu lill-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex: (**i**) tiddeciedi u tiddikjara li l-kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Brincat datati 8 ta' Lulju 1999 u 22 ta' Frar 2001 huma nulli u bla effett ghar-ragunijiet premessi fl-istess Att ta' Citazzjoni; (**ii**) tordna li l-imsemmija kuntratti jigu mhassra u rexissi; u (**iii**) tahtar Nutar sabiex jippubblika l-att opportun, tinnomina Kuraturi sabiex jirrapprezentaw l-eventwali kontumaci u tiffissa l-gurnata, hin u lok ghall-pubblikazzjoni ta' l-att imsemmi. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, komprizi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni pprezentat kontestwalment ma' l-Att ta' Citazzjoni, u b'riserva ghal kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-atturi fil-konfront tal-konvenuti.

3. B'zewg Noti ta' l-Eccezzjonijiet identici pprezentati rispettivament fl-1 ta' Novembru 2001 (fol. 18) u fil-21 ta' Dicembru 2001 (fol. 25) il-konvenuti Vincent u Antoinette konjugi Bonello u l-konvenut Joseph Bonello ikkontestaw it-talbiet attrici bl-eccezzjonijiet illi: (**i**) it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress li mhux minnu li l-kuntratti in kwistjoni huma, *in toto* jew in parte, nulli; (**ii**) f'kull kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kuntratti in kwistjoni ma jistghu jkunu qatt nulli fl-intier taghhom, izda, se mai, limitatament ghal dak is-sehem li jista' jispetta lill-atturi u ghalhekk it-talba attrici kif proposta ma tistax tigi milqugha; u li in oltre (**iii**) il-ksur tal-Mandat ta'

Dicembru 1986, jekk jirrizulta, ma jwassalx ghan-nullità tal-kuntratti in kwistjoni.

4. Il-konvenuta Giovanna Bonello mietet fil-mori tal-proceduri u qabel ma giet notifikata bl-Att ta' Citazzjoni ta' l-atturi. B'digriet datat 13 ta' Awissu 2002 l-atti tal-kawza gew trasfuzi f'isem il-konvenuti Joseph u Vincent ahwa Bonello bhala eredi ta' Giovanna Bonello, u b'digriet datat 18 ta' Dicembru 2002 l-Avukat Dottor Anthony Cutajar u l-P.L. Hilda Ellul Mercer gew nominati Kuraturi Deputati ghal Maria Concetta sive Mari Shires ukoll bhala eredi ta' Giovanna Bonello.

5. B'Nota ta' l-Eccezzjonijiet ipprezentata fis-16 ta' Marzu 2004 (fol. 69) il-Kuraturi Deputati eccipew illi ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza u rriservaw li jressqu eccezzjonijiet ulterjuri.

**Sentenza**

6. B'sentenza moghtija fil-5 ta' April 2006 il-Prim Awla tal-Qorti Civili iddisponiet mill-kawza billi laqghet it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti izda cahdet l-eccezzjonijiet l-ohra u laqghet it-talbiet attrici u, ghar-rigward tat-tielet talba attrici nnominat lin-Nutar Dottor Jeanette Laferla Saliba biex tippubblika l-att relattiv u lill-Avukat Dottor Phyllis Farrugia bhala Kuratrici tal-kontumacji w ordnat li l-kuntratt jigi pubblikat fil-15 ta' Mejju 2006 fl-edificcju tal-Qorti. Dwar l-ispejjez tal-kawza l-Ewwel Qorti ddecidiet li dawn ghandhom jithallsu kwantu ghal terz mill-atturi u kwantu ghal zewg terzi mill-konvenuti. Il-Qorti ta' Prim Istanza waslet ghad-decizjoni finali taghha in bazi ghas-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi kif jidher car mic-citazzjoni din hija kawza fejn l-atturi qed jitlobu d-dikjarazzjoni ta' nullita` tal-kuntratti rispettivament ta' bejgh u donazzjoni li kienu saru a favur tal-konvenuti ahwa Bonello minn ommhom li mietet fil-mori tal-kawza.

"Il-fatti li wasslu ghall-kawza kienu dawn. Missier l-ahwa Bonello miet fl-1984 u fit-testment li kien ghamel ma' martu l-konvenuta Giovanna Bonello halla lil uliedu s-

subien u cioe` il-konvenuti Vincent u Joseph Bonello bhala l-werrieta tieghu u iddesereda lill-attrici Maria Concetta Shires. Din, flimkien ma' uliedha, fl-1986 ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenuti biex ma jaljenaw xejn mill-wirt u giet istitwita kawza fejn intalbet l-assenjazzjoni tal-legittima. *Nonostante* dan il-mandat fl-2001 saru t-trasferamenti ndikati fic-citazzjoni u li qed jigu attakkati b'din ic-citazzjoni.

“Il-kawzali huma tlieta u cioe` illi l-konvenuti kienu marbutin bl-ordni tal-Qorti illi ma jbieghux jew jittrasferixxu l-proprjeta' in kwistjoni, li l-wirt kien ghadu ma nqasamx u ghalhekk ma setax isir trasferiment, u t-tielet li l-attrici jew uliedha ghandhom dritt ta' legittima li ma jistax jigi pregudikat bit-trasferiment minhabba li din trid tithallas *in natura.* Il-Qorti thoss li l-kwistjoni hija wahda prettament legali u ftit kienu l-provi l-ohra (cioe' dawk mhux dokumentarji) li kienu ta' rilevanza fil-kawza.

“Fir-rigward ta' l-ewwel kawzali huwa minnu li l-konvenuti kienu jafu li kienu inibiti milli jittrasferixxu l-proprjeta`. Dan allura jitfa' hafna dell fuq l-attegjament tal-konvenuti meta saru dawn il-kuntratti, liema dell iktar jikber meta wiehed jiftakar li ommhom f'dak l-istadju kienet mara anzjana hafna u li allura kienet suxxettibli ghal kull tip ta' suggerimenti minn uliedha. Infatti ftit wara Giovanna Bonello anke ghamlet testment sigriet fejn regghet dahhlet lill-attrici bhala werrieta taghha (fi kwota ikbar minn tal-konvenuti, presumibilment biex *tpatti* ghall isvantagg li kellha fil-wirt ta' missierha). Dan jindika bl-iktar mod car illi kif sfortunatament jigri meta si tratta ta' persuna anzjana, l-ulied jew il-presunti werrieta jibdew iduru maghha biex jipperswaduha tiddisponi minn gidha kif jaqbel lilhom u ma hemmx l-icken dubbju li dan gara fil-kaz odjern mill-ahwa Bonello kollha kompriz l-attrici.

“Madankollu kif sewwa eccepew il-konvenuti, il-ksur tal-ordni tal-Qorti *per se* ma jwassalx ghan-nullita` tal-kuntratt ghalkemm certament jindika element ta' *bad faith*. L-atturi ghandhom ragun meta jindikaw l-Artikolu 873(10) illi jghid li meta ssir registrazzjoni ta' mandat ta' inibizzjoni, kull trasferiment ikun null izda l-istess atturi ma ressqu ebda

prova ta’ din ir-registrazzjoni u strahu biss fuq il-prova li hareg il-mandat. Kif gia` inghad dan ma hux bizzejjed u l-Qorti ma tistax tippresumi illi din ir-registrazzjoni saret. Ghalhekk il-Qorti ma tistax taccetta din il-kawzali bhala sufficjentement provata biex twassal ghan-nullita`.

“Fir-rigward tal-qsim tal-wirt pero` din il-Qorti kif preseduta gia` irrimarkat fil-kawza fl-ismijiet Maria Assunta Casha vs Joseph Mary Cutajar (deciza parzjalment fit-18 ta’ Gunju, 2004) illi l-werrieta ma jistghux jittrasferixxu parti mill-wirt u cioe` jbieghu sehmhom minn xi proprjeta` wahda mill-wirt qabel ma ssir il-likwidazzjoni jew qsim tal-wirt. Dan ghaliex kif spjegat dik is-sentenza l-werrieta ma jistghux minn qabel issir il-qasma jkunu jafu liema parti mill-wirt se tmiss lilhom. F’din is-sentenza l-Qorti ibbazat ir-ragunament taghha a bazi tal-Artikolu 946 tal-Kapitolu 16 illi jghid illi: “*kull wiehed mill-werrieta hu maghdud successur wahdu u dirett fil-beni kollha li jaghmlu s-sehem tieghu, jew li mess lilu b’licitazzjoni u jitqies li qatt ma kellu l-proprjeta` tal-beni tal-wirt.* (ara ukoll is-sentenza tal-20 ta’ Marzu, 2003 fl-ismijiet Ellul vs Cassar fejn il-Qorti spjegat li divisjoni parzjali ma tistax issir jekk mhux bi qbil bejn il-kondividenti kollha). Allura tali trasferiment ma jistax jippregudika lill-werrieta l-ohra jew lill-benficcjarji l-ohra tal-wirt sija dawk li jkunu bbenefikaw mit-testment jew mil-ligi stess skond il-kaz. F’dan il-kaz l-atturi qeghdin jitolbu l-legittima f’kawza separata li bdiet fl-1986 u ghalhekk certament sakemm il-Qorti ma tiddecidix li tali legittima ma tezistix it-trasferimenti in kwistjoni zgur ma jistghux jippregudikawlhom dan id-dritt kif certament isir jekk jibqghu *in vigore*. Ghandu jinghad, kif se jigi spjegat iktar ‘il quddiem, li l-legittimarju ghandu dritt li jithallas *in natura* u allura jekk issir divizjoni parzjali ukoll ghandu dritt ikun parti minnha.

“Fir-rigward imbaghad ta’ l-ahhar kawzali l-Qorti ukoll taghti ragun lill-atturi. Il-ligi taqsam il-gid tad-disponenti f’zewg partijiet, wahda disponibbli u l-ohra le. Il-parti mhux disponibbli tigi matematikament kalkolata a bazi tal-Artikolu 616 u dawk li jsegwu (Cutajar vs Cutajar – Prim Awla - 3 ta’ Ottubru, 2003). In vista ta’ dan *l-ewwel haga li ghandha ssir hija l-likwidazzjoni saiex ikunu jista’ jigi*

*accertat jekk id-decujus bid-disposizzjoni ta' xi legat eccedix il-parti disponibbli tal-patrimonju.* (Maria Wismayer vs Ruggero Wismayer - Prim'Awla - 22 ta' Mejju, 1950). Ghandu jinghad li l-legittima hija dovuta *in natura, in piena propieta senza alcun peso od altra condizione* (Vol. XXXVIII – P II p 116). Din tohloq problema f'hafna kazi ghaliex tikkontrasta mad-dritt tat-testatur li jhalli l-legati lil min jixtieq ghaliex fil-waqt li l-legittimarju ma jistax jippretendi per esempju li jinjora l-legati, u dawn ghandhom jittiehdu biss in konsiderazzjoni biex tigi kalkolata l-legittima (ara Vella vs Bezzina et – Appell 20 ta' Novembru, 1998), *is-suggeriment li l-legittima tigi sodisfatta b'ammont likwidu flok in natura huwa kontra l-ligi, molto piu` meta ma jirrizultax il-kunsens tal-interessati kollha* (Sammut vs Refalo – Prim Awla - 30 ta' Gunju, 1954). Billi ghalhekk f'dan il-kaz it-trasferiment tal-immobbli formanti parti mill-wirt jista' jippregudika dan il-principju ghandu jigi dikjarat null. Naturalment dan bl-ebda mod ma jfisser d-dritt tal-atturi ghal-legittima fuq l-assi tal-wirt ta' Edwin Bonello qed jigi accettat minn din il-Qorti u dan jispetta ghall-Qorti li qed tiddeciedi l-kawza in kwistjoni – izda fil-mument dan id-dritt huwa mpregudikat u l-Qorti ma tistax tabdika mir-responsabilita` li tiddeciedi fuq it-talba attrici. Il-Qorti pero` thoss li hu car li l-attegjament tal-konvenuti kien intiz biex jagixxu qabel tiddeciedi l-Qorti (bl-Ingliz *to pre-empt)* u ma tistax f'dawn ic-cirkostanzi thalli lill-konvenuti jaghmlu dan."

**Appell**

7. Minn din is-sentenza appellaw il-konvenuti Joseph Bonello u Vincent u Antoinette konjugi Bonello. L-ewwel aggravju taghhom jirrigwarda d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti li tiddikjara l-kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Brincat datati 8 ta' Lulju 1999 u 22 ta' Frar 2001, nulli u bla effett fl-intier taghhom. Il-konvenuti appellanti jikkontendu li t-trasferimenti li saru favur taghhom minn Giovanna Bonello permezz ta' l-imsemmija zewg kuntratti kienu: (a) ta' beni taghha personali derivanti mill-komunjoni ta' l-akkwisti li kienet ezistiet bejnha u zewgha Edgar Bonello; u (b) ta' l-uzufrutt li Giovanna Bonello kellha fuq l-assi ereditarji ta' l-istess Edgar Bonello, liema

uzufrutt ma jikkostitwixxix sehem mill-beni ereditarji izda biss dritt ta' tgawdija fuqhom – u ghalhekk tali trasferimenti ma humiex nulli u bla effett fil-ligi u ma kellhomx jigu dikjarati bhala tali mill-ewwel Qorti.

8. It-tieni aggravju ta' l-appell tal-konvenuti appellanti jirreferi ghall-konsiderazzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti dwar id-divjet li werriet jittrasferixxi parti minn wirt qabel ma ssir il-likwidazzjoni jew qsim tal-wirt, li wassluha ghad-decizjoni finali taghha li tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet ta' l-istess konvenuti appellanti u l-akkoljiment tat-talbiet attrici kollha. F'dan ir-rigward il-konvenuti appellanti jikkontendu li l-konsiderazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti huma zbaljati u mhux applikabbli ghal kaz in ezami ghaliex: (a) id-divjet dwar divizjoni parzjali ta' l-assi ereditarji japplika biss kemm-il darba ma jkunx hemm qbil bejn il-ko-eredi kollha, sitwazzjoni li, skond huma, fil-kaz in ezami ma tissussistix ghaliex il-partijiet kontraenti fuq il-kuntratti meritu tal-kontestazzjoni kienu Joseph u Vincent ahwa Bonello, unici eredi ta' missierhom Edgar Bonello, u ommhom Giovanna Bonello, uzufruttwarja ta' l-assi ereditarji ta' zewgha; (b) in segwitu ghall-emendi introdotti bl-Att XVIII tas-sena 2004 il-principju guridiku li *l-legittima hija dovuta in natura "in piena proprietà senza alcun peso od altra condizione" ma ghadux iktar applikabbli ghaliex illum l-artikolu 615(2) tal-Kodici Civili jiddisponi li l-imsemmi jedd (illum imsejjah 'sehem riservat' u mhux 'legittima') "huwa kreditu tal-valur tas-sehem riservat kontra l-beni tal-mejjet"* [1]; u ghaliex (c) in segwitu ghall-emenda ghall-artikolu 495 tal-Kodici Civili introdotta bil-precitat Att XVIII tas-sena 2004, kull wiehed mill-werrieta ta' Edgar Bonello ghandu jitqies bhala komproprjetarju ta' kull haga f'dik il-proprjetà mizmuma in komun u b'hekk kull wiehed minnhom jaf x'inhu s-sehem tieghu minn kull beni lilhom imholli minn missierhom.

9. It-tielet aggravju ta' l-appell tal-konvenuti appellanti wkoll huwa ta' natura legali u jittratta dwar *l-izball li sar mill-Ewwel Qorti li ma setghet qatt, una volta laqghet l-ewwel talba, tilqa' it-tieni u tielet talba* [2] billi n-nullità u l-

[1] Fol. 172 tal-Process.
[2] Fol. 173 tal-Process.

annullabilità ta' kuntratt huma zewg kuncetti differenti. L-appellanti jikkontendu li *jekk kuntratt huwa null, mhuwiex koncepibbli li jigi ordnat it-thassir jew rexxissjoni tieghu. Huma biss il-kuntratti annullabbli li jirrikjedu tali rimedju. Ghalhekk gjaladarba l-atturi talbu li l-kuntratti in kwistjoni jigu dikjarati nulli u bla effett kien kontradittorju li jigi ordnat it-thassir u rexxissjoni taghhom permezz ta' att notarili* [3]. Huma jikkontendu wkoll illi *kieku l-allegazzjonijiet tal-atturi jinstabu fondati, kellhom jigu ritenuti* [il-kuntratti meritu tal-kontestazzjoni] *bhala validi izda annullabbli. F'tali kaz pero` t-talbiet attrici huma monki ghaliex ma tezisti ebda talba sabiex l-istess kuntratti jigu annullati u kwindi t-talbiet kollha tal-atturi ma jistghux jintlaqghu* [4].

10. Fl-ahharnett il-konvenuti jilmentaw fir-rigward ta' certi kummenti li ghamlet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata li bihom dik il-Qorti pingiethom bhal li kieku approfittaw ruhhom minn ommhom u influwenzawha sabiex taghmel it-trasferimenti lilhom "*to pre-empt*" xi decizjoni tal-Qorti. Huma jhossu li dawn il-kummenti huma ingusti fil-konfront taghhom billi, skond huma, kienet l-attrici Maria Concetta sive Mari Shires, u mhux huma, li approfittat ruhha minn ommhom Giovanna Bonello.

11. Bir-rikors ta' l-appell taghhom il-konvenuti appellanti jitolbu lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi "filwaqt li tikkonfermaha in kwantu giet milqugha t-tielet eccezzjoni taghhom, tirrevokaha fil-bqija taghha u minflok tilqa' l-ewwel zewg eccezzjonijiet minnhom sollevati u tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati".

12. Permezz ta' risposta pprezentata fil-25 ta' Mejju 2006 l-atturi appellati opponew ghat-talba tal-konvenuti appellanti. Huma jibbazaw l-opposizzjoni taghhom ghat-talba tal-konvenuti appellanti fuq is-segwenti pretensjonijiet:

(a) li kontra dak ikkunsidrat mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, *il-mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni gie*

[3] *Ibid.*
[4] *Ibid.*

*debitament notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku kif jirrizulta mid-dokument fl-atti u ghalhekk jirrizulta provat illi l-mandat innifsu gie debitament registrat kif trid il-ligi. Dan innifsu jgib certu effetti li jwasslu ghan-nullità* [5] tal-kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Brincat rispettivament datati 8 ta' Lulju 1999 u 22 ta' Frar 2001, kif minnhom spjegat f'iktar dettall fl-istess risposta;

(b) li kontra dak pretiz mill-konvenuti appellanti, id-disposizzjoni tal-ligi dwar id-dritt tal-legittima applikabbli ghall-kaz in ezami hija dik enuncjata fl-Artikolu 615 tal-Kodici Civili qabel ma dahlu fis-sehh l-emendi ta' l-Att XVIII tas-sena 2004 u mhux dik enuncjata fl-istess artikolu tal-ligi kif emendat bis-sahha ta' l-imsemmi Att XVIII tas-sena 2004, u dana billi d-disposizzjoni transitorja ta' l-Att imsemmi specifikatament teskludi l-operazzjoni tal-ligi l-gdida ghall-wirt ta' Edgar Bonello meritu tal-proceduri odjerni;

(c) billi l-legittima dovuta lill-atturi appellati jew min minnhom hija lilhom dovuta *in natura, kien importanti li l-assi jigu konservati billi altrimenti jigu pregudikati d-drittijiet tal-esponenti li jiehdu sehemhom in natura* [6];

(d) illi *l-ksur ta' ordni mahruga mill-Qorti tpoggi lill-appellanti in mala fede. Meta tali ksur jsir espressament sabiex iledu d-drittijiet ta' haddiehor, bhal kaz odjern, dan l-agir jekwivali ghal agir frawdolenti li minnu innifsu jgib in-nullita`. Huma* [il-konvenuti appellanti u Giovanna Bonello] *kienu notifikati bir-rikors promotur ghall-hrug tal-mandat, wiegbu ghalih u gew eventwalment notifikati bil-mandat milqugh. Huma kienu konxji tal-mandat u din il-konoxxenza taghhom abbinata mal-fatt li ghamlu l-kuntratti msemmija biex igibu l-assi fix-xejn jekwivali tali agir ghal wiehed frawdolenti li jgib mieghu n-nullita* [7]; u li

(e) il-kontestazzjoni tal-konvenuti appellanti bbazata fuq id-distinzjoni bejn in-nullità u l-annullabilità ta' kuntratt qatt ma tressqet quddiem l-ewwel Qorti f'forma ta'

[5] Fol. 176 sa' 177 tal-Process.
[6] Fol. 180 tal-Process.
[7] Fol. 181 tal-Process.

eccezzjoni formali u ghalhekk ma tistax issa tigi sollevata quddiem din il-Qorti taht forma ta’ aggravju ta’ l-appell bazat fuq allegat zball da parte ta’ l-ewwel Qorti.

13. Barra minn hekk l-atturi appellati jikkritikaw id-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti fejn gew ikkundannati jhallsu terz mill-ispejjez tal-kawza.

14. Huma jikkontendu li billi bis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti laqghet it-talbiet taghhom, huma ma kellhomx jigu allokati sehem mill-ispejjez ta’ l-istess Istanza. In bazi ghal din il-kontestazzjoni l-atturi appellati ddikjaraw li qed jinterponu appell incidentali mis-sentenza appellata fir-rigward tal-kap ta’ l-ispejjez.

15. L-atturi appellati ghalhekk talbu lil din il-Qorti sabiex li filwaqt tikkonferma s-sentenza appellata, kemm ghar-ragunijiet moghtija mill-ewwel Qorti kif ukoll ghar-ragunijiet minnhom esposti fir-Risposta ta’ l-Appell taghhom, timmodifika s-sentenza appellata in kwantu jirrigwarda l-kap ta’ l-ispejjez b’dana li l-ispejjez kemm ta’ l-appell kif ukoll ta’ l-ewwel istanza jkunu kollha a karigu tal-konvenuti appellanti.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti</u>**

16. Din il-Qorti ser tikkonsidra l-ewwel l-appell incidentali li l-atturi appellati jiddikjaraw li qed jinterponu mis-sentenza appellata. Skond l-Artikolu 240(1) tal-Kap.12 *kull parti tista’ tinqeda b’appell li jsir minn sentenza, maghduda sentenza parzjali u minn kap wiehed jew izjed ta’ kull sentenza, jew minn digriet interlokutorju biex tintavola appell incidentali dwar is-sentenza definittiva, sentenza parzjali, kap wiehed jew izjed tas-sentenza jew digriet interlokutorju li jsir appell minnu, izda wkoll dwar kull sentenza jew kull kap taghha jew digriet interlokutorji moghtija fl-istess kawza wkoll jekk ma jsirx appell minnhom minn min jappella*. Is-subartikolu (2) ikompli jipprovdi li *dik il-parti li tkun bi hsiebha tinqeda b’dan l-appell ghandha taghmel dikjarazzjoni f’dak is-sens fir-risposta fejn issemmi t-talbiet taghha u r-ragunijiet ghall-appell incidentali taghha*.

17. Fil-paragrafu numru 6 tar-Risposta ta' l-Appell taghhom l-atturi appellati jiddikjaraw illi *in vista tal-premess, l-esponenti jissottomettu bir-rispett illi stante li gew milqugha t-talbiet taghhom, huma ma kellhomx jigu allokati sehem mill-ispejjez ta' l-ewwel istanza u f'dan ir-rigward, ghal din ir-raguni u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, l-esponenti qeghdin jinterponu appell incidentali* [8].

18. Minn din id-dikjarazzjoni huwa evidenti li l-hsieb ta' l-atturi appellati huwa dak li jinterponu appell incidentali mis-sentenza appellata limitatament fir-rigward tal-kap ta' l-ispejjez. Izda, minn ezami ta' l-atti processwali jirrizulta li l-appell incidentali ta' l-atturi appellati gie pprezentat *fuori termine* u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni tieghu.

19. Skond l-Artikolu 144(1) tal-Kap.12 ir-Risposta ta' l-Appell ghandha ssir fi zmien ghoxrin jum min-notifika lill-parti appellata tar-Rikors ta' l-Appell. Dana jfisser illi meta l-parti appellata tusufruwixxi mid-dritt li tintavola appell incidentali mis-sentenza appellata bil-mod kif provdut fl-Artikolu 240 tal-Kap.12, hija ghandha tintavola dak l-appell incidentali fi zmien **ghoxrin jum min-notitika lilha tar-Rikors ta' l-Appell**.

20. Mill-atti processwali jirrizulta li r-Rikors ta' l-Appell gie notifikat lill-atturi appellati fit-3 ta' Mejju 2006 [9] u ghalhekk huma kellhom zmien ghoxrin gurnata minn dakinhar, ossia sat-Tlieta 23 ta' Mejju 2006, biex jipprezentaw ir-Risposta ta' l-Appell u l-appell incidentali taghhom mis-sentenza appellata fir-rigward tal-kap ta' l-ispejjez; izda, jirrizulta li r-Risposta ta' l-Appell, u ghalhekk ukoll l-appell incidentali, gew ipprezentati l-Hamis 25 ta' Mejju 2006 [10] u cioè jumejn wara li skada t-terminu. Skond il-kalendarju Gregorjan, il-jum tat-23 ta' Mejju 2006 kien jum it-Tlieta u ma kien hemm ebda Sibt, Hadd jew festa pubblika f'dan l-ahhar jum li seta' ghalhekk tawwal iz-zmien ghall-ewwel jum tax-xoghol li jigi wara. Huwa

[8] Fol. 182 tal-Process.
[9] A tergo ta' fol. 167 tal-Process.
[10] Fol. 176 u 182 tal-Process.

principju assodat fis-sistema guridika taghna li jekk ir-risposta ghar-Rikors ta' l-Appell tigi pprezentata wara z-zmien stabbilit mil-ligi, l-appell incidentali maghmul b'dik ir-risposta huwa null u ineffikaci[11]. Ghalhekk din il-Qorti ma ghandhiex alternattiva ohra ghajr li tiddikjara l-appell incidentali ta' l-atturi appellati null u ineffikaci, u dana anke in osservanza tal-principju guridiku li *l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghu jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula. Dawn it-termini jehtieg li jigu osservati u dan taht piena ta' irritwalità u nullità tal-proceduri li ghandha, fejn tokkorri u fejn hekk jirrizultaw lilha, tigi wkoll sollevata mill-Qorti ex officio … … In-nullità tattakka l-att innifsu. Dak l-att li fil-procedura hu null ghandu jitqies daqs li kieku qatt ma kien intavolat quddiem il-Qorti li allura jehtiegilha tiskartah indipendentement mill-mod kif l-irregolarità tkun giet migjuba a konoxxenza taghha* [12].

21. Il-Qorti ser tghaddi issa biex tittratta l-appell principali intavolat mill-konvenuti appellanti. Mis-sentenza appellata johrog car li l-ewwel Qorti bbazat id-decizjoni taghha fuq tlett konsiderazzjonijiet:

(a) Illi billi l-atturi ma ressqu ebda prova tar-registrazzjoni tal-Mandat ta' Inibizzjoni bin-Numru 1286/86 izda strahu biss fuq il-prova tal-hrug tal-Mandat, hi ma setghetx tippresumi li r-registrazzjoni saret u b'hekk ma setghetx tikkonkludi li l-kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Brincat rispettivament datati 8 ta' Lulju 1999 u 22 ta' Frar 2001, huma nulli u bla effett fil-ligi.

In bazi ghal din il-konsiderazzjoni l-ewwel Qorti laqghet it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti appellanti;

---

[11] **Giuseppe Cannataci v. P.L. Roberto Tabone noe,** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-25 ta' Gunju 1945. Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta Vol. XXXIIB – i – 288.
[12] **Paul M. Cassar et v. Victoria Tabone et, Apell Civili Nru. 2/99** deciz mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-17 ta' Marzu 2003.

(b) Illi *l-werrieta ma jistghux jittrasferixxu parti mill-wirt u cioè ibieghu sehemhom minn xi proprjetà wahda mill-wirt qabel ma ssir il-likwidazzjoni jew qsim tal-wirt. Dan ghaliex kif spjegat dik is-sentenza* [Maria Assunta Casha v. Joseph Mary Cutajar deciza parzjalment fit-18 ta' Gunju 2004] *l-werrieta ma jistghux minn qabel issir il-qasma jkunu jafu liema parti mill-wirt se tmiss lilhom … tali trasferiment ma jistax jippregudika lill-werrieta l-ohra jew lill-beneficcjarji l-ohra tal-wirt sija dawk li jkunu bbenefikaw mit-testment jew mll-ligi stess skond il-kaz. F'dan il-kaz l-atturi qeghdin jitolbu l-legittima f'kawza separata li bdiet fl-1986 u ghalhekk certament sakemm il-Qorti ma tiddecidix li tali legittima ma tesistix it-trasferimenti in kwistjoni zgur ma jistghux jippregudikawlhom dan id-dritt kif certament isir jekk jibqghu in vigore. Ghandu jinghad, kif se jigi spjegat iktar 'il quddiem li l-legittimarju ghandu dritt li jithallas in natura u allura jekk issir divizjoni parzjali ukoll ghandu dritt ikun parti minnha* [13]; u

(c) Illi *l-legittima hija dovuta in natura, in piena proprieta senza alcun peso o altra condizione (Vol. XXXVIII – PII p 116). Din tohloq problema f'hafna kazi ghaliex tikkontrasta mad-dritt tat-testatur li jhalli l-legati lil min jixtieq ghaliex filwaqt li l-legittimarju ma jistax jippretendi per ezempju li jinjora l-legati, u dawn ghandhom jittiehdu biss in konsiderazzjoni biex tigi kalkolata l-legittima (Ara* Vella vs Bezzina et *– Appell 20 ta' Novembru 1998) is-suggeriment li l-legittima tigi sodisfatta b'ammont likwidu flok in-natura huwa kontra l-ligi, molto più meta ma jirrizultax il-kunsens tal-interessati kollha (*Sammut vs Refalo *– Prim' Awla – 30 ta' Gunju 1954). Billi ghalhekk f'dan il-kaz it-trasferiment tal-immobbli formanti parti mill-wirt jista' jippregudika dan il-principju ghandu jigi dikjarat null* [14];

In bazi ghal dawn iz-zewg konsiderazzjonijiet – cioe` (b) u (c) – l-ewwel Qorti cahdet l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tal-konvenuti appellanti u laqghet it-talbiet ta' l-atturi appellati.

---

[13] *Ibid*.
[14] Fol. 165 tal-Process.

22. Din il-Qorti ma hijiex ser tidhol fl-ewwel konsiderazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti u dana billi ebda wahda mill-partijiet kontendenti ma hi qed titlob ir-riforma tas-sentenza appellata f'dan ir-rigward.

23. Ghalhekk, il-Qorti ser tghaddi biex tikkonsidra z-zewg konsiderazzjonijiet l-ohra in bazi ghal liema l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni finali taghha li tiddikjara nulli u bla effett il-kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Brincat rispettivament datati 8 ta' Lulju 1999 u 22 ta' Frar 2001 u b'hekk tilqa' it-talbiet ta' l-atturi appellati.

24. Bis-sahha ta' dawn il-kuntratti giet trasferita parti mill-assi ereditarji tal-mejjet Edgar Bonello, senjatament il-kwart indiviz in nuda proprjetà ta' Joseph Bonello fuq il-garage jismu "Lourdes" bla numru f'Carmel Street, Birkirkara, liema trasferiment sehh favur huh Vincent Bonello, u d-dritt ta' uzufrutt ta' Giovanna Bonello fuq l-assi ereditarji ta' zewgha Edgar Bonello, liema dritt gie trasferit favur uliedha Joseph u Vincent ahwa Bonello kif ahjar spjegat fl-imsemmija kuntratti.

B'dan il-mod l-eredi tal-mejjet Edgar Bonello ghaddew ghad-divizjoni parzjali ta' l-assi ereditarji tad-*decujus*.

25. Bis-sahha ta' l-istess kuntratti wkoll Giovanna Bonello ittrasferiet favur uliedha Vincent u Joseph Bonello n-nofs indiviz in piena proprjetà tal-beni taghha derivanti mill-komunjoni ta' l-akkwisti li kienet tezisti bejnha u bejn zewgha Edgar Bonello.

26. L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-kuntratti in kwistjoni ma humiex legalment validi in kwantu ta' pregudizzju ghall-atturi appellati jew min minnhom *qua* legittimarji tal-mejjet Edgar Bonello.

27. Ghal kull buon fini, u tra parentesi, din il-Qorti tosserva li b'sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Dicembru 2006, minn liema sentenza ma giex intavolat appell, giet determinata t-talba mressqa mill-atturi appellati kontra l-konvenuti appellanti bil-proceduri

fl-ismijiet “Maria Concetta Shires pro et noe et v. Vincent Bonello et noe” Citaz. Nru. 771/86.

28. B’dik is-sentenza gie deciz illi *r-ragunijiet migjuba mit-testatur Edgar Bonello missier l-attrici Maria Concetta Shires ghad-diseredazzjoni tal-istess attrici fl-ahhar testment tieghu ma humiex sufficjentement validi u ghalhekk, id-diseredazzjoni taghha fl-istess testment hija nulla u bla effett u konsegwentement ghandha dritt ghal-legittima skond il-ligi.*

29. Fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti bbazat il-konkluzjoni taghha dwar in-nullità tat-trasferimenti effettwati bis-sahha tal-kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Brincat rispettivament datati 8 ta’ Lulju 1999 u 22 ta’ Frar 2001, fuq il-konsiderazzjoni li *l-werrieta ma jistghux jittrasferixxu parti mill-wirt u cioe` ibieghu sehemhom minn xi proprjetà wahda mill-wirt qabel ma ssir il-likwidazzjoni jew qsim tal-wirt* [15].

30. Din il-konsiderazzjoni ta’ l-ewwel Qorti però hija, bid-dovut rigward, monka ossia inkompleta ghaliex ma tiehux in debita konsiderazzjoni -- ghalkemm isir accenn ghaliha fis-sentenza appellata -- l-eccezzjoni ghall-imsemmi principju generali, cioe` li divizjoni parzjali ta’ l-assi ereditarji tad-*decujus* tista’ issehh validament kemm-il darba hemm il-kunsens tal-kondividendi kollha; **u** lanqas ma tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li parti mit-trasferiment kien jinvolvi n-nofs indiviz in piena proprjetà tal-beni personali ta’ Giovanna Bonello derivanti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti li kienet tezisti bejnha u bejn zewgha Edgar Bonello.

31. Dawn il-punti gew sollevati mill-konvenuti appellanti fl-ewwel u fit-tieni aggravji ta’ l-appell taghhom[16] u gustament jikkritikaw is-sentenza ta’ l-ewwel Qorti ghaliex fid-decizjoni taghha ma haditx in konsiderazzjoni l-fatt li t-trasferiment ta’ parti mill-assi ereditarji tal-mejjet Edgar Bonello sehh bejnhom *qua* l-unici eredi tad-*decujus* u ommhom *qua* uzufruttwarja ta’ l-assi ereditarji tal-mejjet, **u**

[15] Fol. 164 tal-Process (pagna 7 tas-sentenza).
[16] Fol. 171 sa’ 172 tal-Process.

li Giovanna Bonello kienet ukoll qed tittrasferixxi proprjetà personali taghha, fuq liema, f'dak iz-zmien, hadd hlief hi ma kellu dritt jiddetermina kif u favur min din tigi disposta.

32. L-applikazzjoni korretta tal-ligi applikabbli in materia u senjatament tal-principju li d-divizjoni parzjali ta' l-assi ereditarji tad-*decujus* tista' issehh kemm-il darba hemm il-kunsens tal-kondividendi kollha, kellha twassal lill-ewwel Qorti ghall-konkluzjoni li l-kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Brincat rispettivament datati 8 ta' Lulju 1999 u 22 ta' Frar 2001 ma humiex nulli izda legalment validi.

33. Bid-decizjoni taghha l-ewwel Qorti erronejament addebitat lill-figura tal-legittimarju l-posizzjoni ta' komproprjetarju flimkien ma' l-eredi ta' l-assi ereditarji tad-*decujus*, u b'hekk erronejament irrikonoxxiet fil-legittimarju d-dritt li jostakola u/jew jattakka l-validità ta' divizjoni parzjali li ssehh bil-kunsens tal-kondividendi kollha -- posizzjoni u konsegwenti dritt mhux rikonoxxuti u koncessi fis-sistema guridika taghna. Huwa principju guridiku assodat fis-sistema taghna li *kontrarjament ghal-legislazzjonijiet ohrajn, fejn il-legittima hi deskritta bhala kwota ta' eredità jinghad espressament illi l-legittima hi porzjoni tal-beni tal-mejjet moghtija mil-ligi lid-dixxendenti u, fin-nuqqas ta' dixxendenti, lill-axxendenti tal-mejjet … Billi fis-sistema tal-ligi taghna l-legittima mihiex kwota ta' eredità, il-legittimarju, kif gie kemm-il darba deciz … mhuwiex eredi u ma jikkontinwax il-pussess tal-beni tal-mejjet. Il-legittima bhala pars bonorum hi dovuta in natura u bhala porzjoni tal-beni dovuta in natura, mihiex merament oggett ta' kreditu tal-legittimarju kontra l-eredi … "non consiste in credito" kif jinghad fin-noti tal-Professur Giovanni Caruana. Intant fis-sentenza riportata fil-Vol. XXVII.1.451 intqal ukoll illi "tra la quota di cui s'è disposto col testamento e la quota indisponibile non vi è comunione" u in generali jidher illi fil-gurisprudenza taghna l-figura tal-legittimarju ipprofilat ruhha bhala figura a se: la hu semplici kreditur u lanqas hu veru komproprjetarju* [17].

[17] **Concetta mart Salvatore Vella et noe v. Giuseppe Bugeja et noe, Citaz. Nru. 10/44** deciza mill-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tagha r-Regina fl-10 ta' Dicembru 1973.

34. Kif korrettament osservat mill-konvenuti appellanti, il-komproprjetarji ta’ l-assi ereditarji, u ghalhekk il-persuni li l-kunsens taghhom huwa mehtieg ghall-finijiet tal-validità tad-divizjoni parzjali ta’ l-assi ereditarji tad-*decujus*, huma l-eredi u l-uzufruttwarju ta’ l-istess assi ereditarji li, fil-kaz in ezami huma l-konvenuti appellanti Joseph u Vincent ahwa Bonello u ommhom Giovanna Bonello, illum mejta.

35. Billi kienu huma lkoll illi dehru fuq il-kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Brincat datati 8 ta’ Lulju 1999 u 22 ta’ Frar 2001, id-divizjoni parzjali ta’ l-assi ereditarji ta’ Edgar Bonello li sehhet b’effett ta’ l-istess imsemmija kuntratti hija guridikament u legalment valida.

36. Ghalkemm l-atturi appellati ppruvaw iressqu prova li Giovanna Bonello ma kenitx taf ghalxiex kienet qed taghti l-kunsens taghha meta ffirmat il-kuntratti in kwistjoni, din il-Qorti wisq thoss li l-affidavit li l-istess Giovanna Bonello[18] halfet quddiem in-Nutar Elizabeth Sciriha ma kienx xi ideja taghha, u li kien instigat u ghalhekk f’certu sens konfezzjonat minn bintha l-attrici appellata Maria Concetta sive Mari Shires ghall-fini li jigi utilizzat fil-proceduri gudizzjarji li l-istess attrici istitwiet kontra hutha u l-istess Giovanna Bonello (ara d-deposizzjoni tan-Nutar Sciriha a fol. 83 *et seq.* tal-process). Ta min jinnota li ghalkemm dana l-affidavit igib id-data tat-18 ta’ Awwissu 2001, u l-kawza giet intavolata fid-9 ta’ Awwissu 2001, kien biss fl-1 ta’ April 2004 li dan l-affidavit gie ezibit b’nota, u cioe` kwazi hamsa w ghoxrin xahar wara l-mewt ta’ l-istess Bonello – ara c-certifikat tal-mewt taghha a fol. 33 – meta allura ma kien ghad hemm ebda possibilita` ta’ kontroll premezz ta’ kontro-ezami.

37. Ghaldaqstant fid-dawl tar-rizultanzi processwali kollha ma tressqet ebda prova li tista’ tikkonvinci lil din il-Qorti li d-divizjoni parzjali ta’ l-assi ereditarji tal-mejjet Edgar Bonello ma sehhitx bil-kunsens tal-kondividendi kollha u li l-istess Giovanna Bonello ma tatx id-debitu kunsens taghha ghat-trasferiment tal-proprjetà personali taghha favur uliedha Joseph u Vincent ahwa Bonello.

---

[18] Fol. 72 u 73 tal-Process.

38. Il-Qorti tosserva li l-principji enuncjati fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Assunta Casha v. Joseph Mary Cutajar** deciza parzjalment mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Gunju 2004, u fuq liema l-ewwel Qorti bbazat il-konsiderazzjonijiet taghha fis-sentenza appellata, ma jsibux applikazzjoni fil-kaz in ezami ghaliex f'dak il-kaz, kuntrarjament ghal dak odjern, id-divizjoni parzjali tal-wirt tad-decujus ma kenitx sehhet bil-kunsens tal-kondividendi kollha.

39. Principju iehor li strahet fuqu l-ewwel Qorti biex waslet ghad-decizjoni taghha li l-kuntratti meritu tal-kontestazzjoni huma nulli huwa li l-legittima hija dovuta in natura, *in piena proprieta` senza alcun peso od altra condizione*. Izda din il-Qorti hija tal-fehma li kuntrarjament ghal dak ikkunsidrat mill-ewwel Qorti, dan il-principju fih innifsu ma jaghti l-ebda dritt lil-legittimarju li jippretendi li l-legittima spettanti lilu tkun sodisfatta b'determinata speci ta' beni u b'hekk li jostakola jew jikkontesta d-divizjoni parzjali ta' l-assi ereditarji li ssehh bil-kunsens tal-kondividendi kollha.

40. Kif gie ritenut mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, il-legittima *si calcola sull'intero patrimonio, compresavi ogni specie di largizione gratuita, colla sola deduzione dei debiti e delle spese funerarie … Gjaladarba ghalhekk skond il-ligi taghna l-legittima hija biss kwota mill-beni li jhalli d-decujus, dan allura, kif gja inghad, jista' jiddisponi kif irid mill-beni tieghu, minghajr distinzjoni ta' l-ispecie taghhom, imma biss bil-limitazzjoni tal-kwantità. Jigifieri sakemm id-decujus ma jeccedix il-kwota disponibbli tal-beni tieghu u ma jilledix il-legittima, huwa jista' jaghmel li jrid bil-kwota disponibbli, u mhux obbligat ihalli lill-legittimarju determinati speci ta' beni. Dan ifisser illi l-legittimarju ma jistax jippretendi d-dritt li fil-legittima tieghu tigi mdahhla parti minn kwalunkwe wahda mis-sustanzi li jikkomponu l-assi patrimonjali tad-decujus. Konsegwentement, meta d-decujus ihalli xi legat jew jaghmel xi donazzjoni, il-legittimarju ma jistax jinjora dak il-legat u jitlob li parti mill-beni li jikkomponu dak il-legat tigi mdahhla fil-legittima u tigi assenjata lilu. Dak il-legat jew*

*dik id-donazzjoni ghandhom jigu mehuda in konsiderazzjoni biss ghall-fini tal-kalkolu tal-legittima u jkun hemm lok ghar-riduzzjoni taghhom fil-kaz li din tigi leza* [19].

41. Is-sustanza ta' dan il-principju guridiku tirregola wkoll il-jeddijiet u pretensjonijiet tal-legittimarju fil-konfront ta' l-eredi tal-mejjet ghas-sodisfazzjoni tal-legittima spettanti lilu, u ghalhekk bl-istess mod il-legittimarju ma ghandux jedd jippretendi li l-legittima spettanti lilu tigi sodisfatta mill-eredi permezz ta' assi jew beni determinat. Konferma ta' dan il-principju tohrog mir-rimedju koncess lil-legittimarju fl-eventwalità li l-eredi jittrasferixxu parti mill-assi ereditarji qabel ma tigi likwidata u mhallsa l-legittima spettanti lilu. F'tali eventwalità r-rimedju koncess lil-legittimarju huwa li fir-riunjoni fittizja ta' l-assi ereditarju ghall-finijiet tal-likwidazzjoni tal-legittima, il-valur tal-gid trasferit ghandu jitqies bhala dak taz-zmien meta sejra tigi likwidata l-legittima u mhux dak taz-zmien tal-ftuh tas-successjoni.

42. Il-principju guridiku li jirregola dan ir-rimedju gie kkunsidrat minn din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Concetta mart Salvatore Vella et noe et v. Giuseppe Bugeja et noe, Appell Civili Nru. 10/44** deciza fl-10 ta' Dicembru 1973 (u li ghaliha diga` saret referenza – nota *in calce* 17, *supra*) fejn inghad illi *kwantu ghall-valutazzjoni tal-beni in konnessjoni mad-determinazzjoni tal-porzjoni legittima … il-Qorti tahseb li m'ghandux ikun hemm kwistjoni, in bazi ghall-principji (ara in partikolari art. 684* [20] *Kodici Civili) li ghall-finijiet tal-operazzjoni preliminari ta' komputa li hi r-riunjoni fittizia tal-assi ereditarju in kwantu diretta ghar-rikostruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-decujus (li l-ligi tikkunsidra bhala terminu ta' riferiment ghad-determinazzjoni tal-kwota disponibbli u, b'rifless, ta' dik indisponibbli, anki biex talvolta tigi affermata jew eskluza l-ezistenza tal-lezjoni tal-legittima) bilfors wiehed irid jirriporta ruhu ghall-valuri fiz-zmien tal-apertura tas-successjoni, tenut kont naturalment f'dan ir-rigward tad-*

---

[19] **Orazio sive Grazio Cutajar v. Emmanuele Cutajar et, Citaz. Nru. 687/81PS** deciza fit-3 ta' Ottubru 2003.
[20] Illum 647.

*disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi relattivi ghall-kollazzjoni. Dan il-principju jezawrixxi ruhu fil-fissazzjoni tal-kriterju li ghandu jigi segwit ghall-kalkolu tal-valur tal-assi u tal-kwota tal-legittima; izda jekk il-legittima ma gietx sodisfatta u, trattandosi ta' beni in natura (mhux flus), ikkonvertiet ruha, fil-kazijiet fejn dan hu konsentit mill-ligi, fi dritt ta' kreditu fi flus, id-dritt tal-legittimarju ghandu bhala oggett "un bene reale" u l-"aestimatio rei" ghandha tkun riferita ghaz-zmien tal-konversjoni, cioè z-zmien l-aktar qrib possibbli ghall-pronunzja gudizzjali u tenut kont ghalhekk ta' xi sopravenuta svalutazzjoni monetarja. Din hi l-veduta li qeghda tittiehed f'dan ir-rigward anki fil-gurisprudenza taljana l-aktar moderna u hi bazata essenzjalment fuq principji li jistghu jissejhu komuni ghaz-zewg drittijiet b'mod li ma tistax tinghad essenzjalment influwenzata mill-fatt, gà hawn fuq rikonoxxut, li fid-dritt Taljan il-legittima hi kwota ta' eredità hlief in kwantu li anki f'dak id-dritt din il-veduta iggib maghha il-jedd tal-legittimarju (u <u>dan</u> hu l-istess fid-dritt taghna) li jikkonsentixxi l-kwota tieghu in natura. Dan ghandu wkoll japplika fis-sostanza tieghu u "mutatis mutandis" ghall-ipotesi li tirrikorri fil-kaz prezenti u l-aktar direttament tirrijentra fil-meritu tal-prezenti appell, fejn l-eredi waqt il-mori tal-gudizzju bieghu xi beni tal-eredità, li minnhom ukoll, kieku ma kienx ghal dan il-bejgh, il-legittimarji kienu jkunu jistghu issa jissodisfaw ir-ragunijiet taghhom minflok ma jkollhom biss kreditu fi flus, fis-sens li anki f'din l-ipotesi l-"aestimatio rei" ghandha wkoll tkun b'riferiment ghaz-zmien tal-pronunzja gudizzjali, sakemm ma jigix pruvat li l-bejgh kien forzus, mehtieg jew almenu vantaggosament spedjenti (f'liema kazijiet ma jkunx ingust li jittiehed il-valur effettiv tal-bejgh …)*.

43. Dan l-istess principju gie kkonfermat minn din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Emilia Maria sive Mollie mart l-Avukat Dottor Alfred Mifsud v. Eleonora sive Mellie Mizzi et, Appell Civili Nru. 751/66** deciza fl-14 ta' Dicembru 1973 u mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza **Francesco Caruana v. Nazzareno Caruana et noe, Citaz. Nru. 1153/74** deciza fl-1 ta' Marzu 2004.

44. F’dawl ta’ dan kollu ghalhekk din il-Qorti tilqa’ l-ewwel u t-tieni aggravju ta’ l-appell tal-konvenuti appellanti fis-sens li s-sentenza appellata hija zbaljata in kwantu l-ewwel Qorti ma qisitx li ghal dak li jirrigwarda n-nofs indiviz mill-proprjetà ta’ Giovanna Bonello derivanti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti li kellha ma’ zewgha Edgar Bonello l-istess Giovanna Bonello kienet qed tittrasferixxi proprjetà personali taghha u mhux assi ereditarji ta’ zewgha, u in kwantu rigwarda l-assi ereditarji proprio tal-mejjet Edgar Bonello t-trasferiment, ossia divizjoni parzjali ta’ l-istess, sehh bil-kunsens tal-kondividendi kollha u b’hekk dak it-trasferiment huwa legalment valida u effikaci fil-ligi.

45. Ghal kull buon fini l-Qorti tosserva li l-emendi introdotti bis-sahha ta’ l-Att XVIII tas-sena 2004 u li ghalihom jaghmlu referenza l-konvenuti appellanti fir-rikors ta’ l-appell taghhom ma japplikawx ghall-kaz in ezami u ghalhekk din il-Qorti mhix ser tiehu konjizzjoni taghhom.

46. Din il-Qorti fl-ahharnett tosserva li mhix ser tidhol fil-kwistjoni sollevata mill-konvenuti appellanti bit-tielet aggravju ta’ l-appell taghhom billi dan ma huwiex necessarju fid-dawl tad-decizjoni taghha dwar il-meritu tal-kaz in ezami, kif aktar ‘il fuq spjegat.

**Decide**

47. Ghal motivi premessi, l-appell tal-konvenuti appellanti qed jigi milqugh u s-sentenza appellata qed tigi kkonfermata in kwantu giet milqugha t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti appellanti izda revokata fil-bqija taghha u konsegwentement qed tigi milqugha l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti appellanti filwaqt li t-talbiet attrici qed jigu michuda. In vista tan-natura tal-kawza u l-punti legali involuti, l-ispejjez, kemm tal-ewwel kif ukoll ta’ din l-istanza ghandhom jithallsu kwantu ghal nofs mill-appellanti solidament bejniethom u n-nofs l-iehor mill-appellati solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------